Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 27/2019: **ROCKCUT LTD (C10164) V.** "BM TUNNELS JV", KONSORZJU MAGĦMUL MINN (I) **BONNICI BROS. CONTRACTORS LTD (C21406)** U (II) **MDM COSTRUZIONI GENERALI SRL**

(AMMONT DOVUT – KAWŻA MIFTUĦA MINN JEW KONTRA KONSORZJU – PERSONALITA ĠURIDIKA TA' KONSORZJU)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Rockcut Ltd ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' Frar 2019,

wara li rat in-nota *"tan-nuqqas ta' oġġezzjoni għat-talbiet attriċi"* intavolata mill-kumpanija Bonnici Bros. Contractors Ltd ("kumpanija intimata" jew "kumpanija lokali intimata") fl-1 ta' Marzu 2019[1] u r-risposta ta' MDM Costruzioni Generali SrL ("kumpanija intimata" jew "kumpanija estera intimata") tal-20 ta' Marzu 2019[2] formanti parti mill-konsorzju BM Tunnels JV ("konsorzju intimat"),

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

[1] Fol 13
[2] Fol 18

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Beryl Jean Buttigieg,
- tal-kumpanija estera intimata, mill-Avukat Dr. Robert Tufigno,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti tal-bidu

1. Il-kumpanija rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-kumpaniji intimati formanti parti mill-konsorzju intimat jħallsuha s-somma ta' tmien t'elef, mija seba' u tmenin euro u erba' u erbgħin ċenteżmu (€8,187.44) rappreżentanti ammont ċert, likwidu u dovut bħala bilanċ ta' prezz għal diversi konsenji ta' materjal debitament konsenjat lill-konsorzju intimat fuq inkarigu tal-istess konsorzju. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2017 u l-imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

2. Il-kumpanija lokali intimata ppreżentat nota li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:

   *"tiddikjara li hija m' għandhiex oġġezzjoni għat-talbiet attriċi in kwantu dawn huma diretti versu l-konsorzju BM Tunnels JV. Għaldaqstant hija mhijiex sejra tressaq tweġiba formali".*

3. Il-kumpanija estera intimata ppreżentat risposta li permezz tagħha eċċepiet:

   a. Preliminarjament li l-konsorzju intimat m'għandux personalita ġuridika,
   b. Fil-mertu, li m'għandha tagħti xejn lill-kumpanija rikorrenti.

### Il-fatti saljenti tal-każ kif jirriżultaw mill-provi

4. F'Mejju 2012 il-kumpaniji intimati ffirmaw ftehim[3] bejniethom li permezz tiegħu fost affarijiet oħra ftehmu illi jikkooperaw bejniethom sabiex jippreżentaw offerta konġunta għal *tender* ta' proġett tal-Gvern bl-isem ta' *"National Flood Relief Project*

[3] Fol 55 et. seq.

*(NFRP) - Design and build of Zabbar – Marsascala Tunnels"* (CT 3109/2011) u sabiex f'każ li jirbħu t-*tender* jaqsmu l-kapaċitajiet u kompetenzi rispettivi tagħhom sabiex jwettqu x-xogħolijiet rikjesti. Huma għażlu li jagħmlu dan tramite konsorzju bl-isem ta' BM Tunnel JV liema konsorzju ma' kellu jieħu l-ebda sura legali tant illi fi klawsola minnhom il-partijiet għamluha ċara espressament illi *"Each Party shall act as an independent entity in its own interest and acknowledges that this Joint Venture cannot under any circumstances be taken as a corporation or a Partnership of any other entity having a distinct legal personality."*[4] Il-partijiet ftehmu ukoll permezz ta' *addendum*[5] illi fl-aħħar tal-proġett kull qliegħ jew telf kellu jiġi allokat bejniethom fi kwoti ugwali.[6]

5. F'Lulju 2014 il-kumpanija rikorrenti biegħet u kkonsenjat sitt (6) arkati tal-azzar lill-konsorzju u dan versu l-prezz totali ta' € 6,372 (inkluż il-VAT)[7]. Skond il-kumpanija estera intimata dan il-prezz kien eċċessiv iżda l-konsorzju kien ħallas din il-fattura[8] sabiex jevita proċeduri ġudizzjarji.[9]

6. F'xi żmien f'Novembru 2014, xi ħadd mill-entita' governattiva li kellha x'taqsam mal-proġett ċempel lill-kumpanija rikorrenti u talabha sabiex tgħin lill-konsorzju intimat billi tikkonsenjalhom il-kimika ossia *silicato* għax ma' kellhomx. Xi ħadd mill-kumpanija lokali intimata ċempel lill-kumpanija rikorrenti u qallu bil-kwantitajiet rikjesti sabiex ikunu jistgħu jaħdmu[10]. Kien xogħol ta' natura urġenti ħafna tant illi x-xogħol ġie mgħobbi mill-ħaddiema tal-kumpanija lokali intimata u ttieħed mill-*yard* tar-rikorrenti immedjatament. Stante l-urġenza, la ntbagħtet *purchase order,* la *email* u lanqas ma' ġew iffirmati xi *delivery notes* jew *consignment notes*. Il-materjal innifsu kien intiż għall-użu personali tal-kumpanija rikorrenti iżda l-bżonn għalih tant kien urġenti illi l-kumpanija rikorrenti biegħet il-materjal lill-konsorzju intimat biex taqdihom u filfatt sussegwentement kellha ġġib iżjed mill-materjal għall-iskopijiet personali tagħha.[11]

---

[4] Fol 70
[5] Fol 73
[6] Fol 73A
[7] Fol 2
[8] Indikata bħala "Invoice Number 153" fuq il-fattura a fol 2 tal-proċess u bħala *Ref. 1116* fuq il-prospett a fol 5
[9] Affidavit ta' Mario Murano a fol 37
[10] Xhieda ta' Rhys Buttigieg a fol 28
[11] Fol 31-32

7. Il-kumpanija estera intimata tisħaq illi l-prezz tal-fatturi bin-numru 156 (għall-ammont ta' € 7,174.40 rappreżentanti żewġ konsenji fl-10 u fil-11 ta' Novembru 2014 ta' erba' xkejjer *silicato* ta' 1,900 kilogramma kull wieħed, bir-rata ta' €0.80 kull kilogramma) u bin-numru 163 (għall-ammont ta' € 5,380.80 rappreżentanti konsenja fis-27 ta' Marzu 2015 ta' tlett xkejjer *silicato* ta' 1,900 kilogramma kull wieħed, bir-rata ta' €0.80 kull kilogramma) kien wieħed eċċessiv u ferm iktar mill-prezz tas-suq. In sostenn ta' dan, il-kumpanija estera intimata qalet (u esebiet fatturi f'dan ir-rigward) illi hija kienet xtrat l-istess materjal minn terzi bir-rata ta' €158 kull tunnellata (ossia' €0.158 kull kilogramma) filwaqt li r-rikorrenti stess kienet xtrat l-istess materjal minn Catania bil-prezz ta' €175 kull tunnellata (ossia' €0.175 kull kilogramma).[12]

**Nota ta' "nuqqas ta' oġġezzjoni" ippreżentata mill-kumpanija lokali intimata**

8. Fl-1 ta' Marzu 2019, il-kumpanija intimata Bonnici Bros Contractors Ltd ippreżentat nota li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:

*"Li permezz tagħha tiddikjara Ii hija m' għandhiex oġġezzjoni għat-talbiet attriċi in kwantu dawn huma diretti versu l-konsorzju BM Tunnels JV. Għaldaqstant hija mhijiex sejra tressaq tweġiba formali"*[13]

9. Skond l-Artikolu 180(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

*'180. (2) Iżda ebda skrittura li jkun fiha rinunzja għall-atti, jew ammissjoni tat-talba, jew il-kunsens għal żbank ta' depożitu, ma tista' tiġi ppreżentata ħlief –*
*(i) mill-persuni msemmijin fil-paragrafi (a) u (ċ) tas-subartikolu (1), jew*
*(ii) minn prokuratur awtorizzat b'mod speċjali għal daqshekk, jew*
*(iii) mill-avukat, meta l-preżentata ta' dawn l-iskritturi ssir waqt is-smigħ tal-kawża.'*

10. Il-Qorti tinnota illi n-nota imsemmija iżjed ma' fihiex ammissjoni ċara u inkundizzjonata tat-talbiet tar-rikorrenti iżda tikkonsisti minflok f'dikjarazzjoni illi l-kumpanija lokali intimata "*ma' kienetx qed toġġezzjona għat-talbiet attriċi*". Tinnota ukoll illi din in-nuqqas t'oġġezzjoni saret espressament in kwantu t-talbiet rikorrenti huma diretti ***versu l-konsorzju BM Tunnels JV***. Kif sejjer jingħad iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, l-isem tal-konsorzju fl-okkju tal-kawża m'huwa xejn iżjed minn *trade name* li taħtu l-kumpaniji intimati jeżerċitaw il-kummerċ tagħhom fir-

[12] Affidavit ta' Mario Murano a fol 37
[13] Fol 13

rigward tat-*tender* in kwistjoni. Strettament il-kawża għalhekk ma' ġietx intavolata kontra konsorzju iżda kontra ż-żewġ kumpaniji intimati formanti parti mill-konsorzju. Li jfisser dan li m'huwiex ċar għall-Qorti jekk in-nota ta' nuqqas ta' oġġezzjoni kienetx tapplika biss fil-kuntest ta' kawża miftuħa kontra entita legali ineżistenti. Terġa u tgħid in-nota ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali mill-avukat difensur tal-kumpanija lokali intimata. Strettament għalhekk il-Qorti tista' ma' tqisx tali nota bħala waħda valida skond il-liġi peress illi ġiet ippreżentata minn avukat mhux waqt is-seduta . Huwa veru li l-Qorti tista' tqis illi dan il-mankament ġie ssanat meta l-avukat difensur tal-istess kumpanija lokali intimata dehret imbagħad personalment fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019. Hu x'inhu però l-Qorti m'għandiex is-serħan tal-moħħ li l-kumpanija lokali intimata ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti eżattament skond kif titlob il-liġi. Huwa għal din ir-raġuni illi filwaqt li l-Qorti xorta waħda sejra tatribwixxi l-piż probatorju xieraq għan-nota ppreżentata in atti minn Bonnici Bros Contractors Ltd, madanakollu m'hijiex ser tikkunsidraha bħala nota t'ammissjoni *proprio* ai termini tal-liġi.

**Eċċezzjoni tan-nuqqas ta' personalita ġuridika tal-konsorzju intimat**

11. Il-kumpanija estera intimata eċċepiet b'mod preliminari illi *"l-konsorzju BM Tunnel Joint Venture ma għandux personalita' ġuridika u għalhekk ma jistax ikun parti fil-kawża stante li juri biss modalita' kif żewġ soċjetajiet (u cioe' f'dan il-każ l-esponenti u Bonnici Bros. Contractors Ltd) jagħmlu negozju flimkien fil-kuntest ta' proġett waħdieni."*

12. Fuq din il-materja l-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'PR20 JV konsorzju magħmul minn Rockcut Limited (C-10164) u Pato SRL v. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et</u>**.' (Appell Ċivili Superjuri Numru 112/2021/1, 31 t'Awwissu 2021) illi:

*"il-konsorzju PR20 JV ma huwiex ħlief ditta, i.e. l-isem li bih iż-żewġ soċjetajiet li jiffurmawh – Rockcut Ltd u Pato SRL – imexxu n-negozju tagħhom għal dan il-proġett. L-appellanti huma effettivament iż-żewġ soċjetajiet eżerċenti l-kummerċ bid-ditta PR20 JV."*

13. Fis-sentenza fl-ismijiet: '**<u>Bonnici Bros Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) Limited, it-tnejn formanti l-konsorzju SP BB International JV v. Onorevoli Ministru għas-Saħħa noe. et.</u>** ' (Appell Ċivili Superjuri Numru 235/2018, 30 ta' Lulju 2018), il-Qorti tal-Appell (Superjuri)) qalet hekk:

*"Jekk il-konsorzju ma għandux personalità ġuridika l-isem SP BB Inter-national JV huwa biss ditta, jew trade name: l-isem li bih persuna tinnegozja. Fil-każ tallum SP BB International JV huwa d-ditta li biha Bonnici Bros. Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) jmexxu n-negozju li għandhom flimkien. Il-persuni li jmexxu n-negozju, u li jiksbu u jintrabtu b'obbligazzjonijiet, huma dawk iż-żewġ soċjetajiet u mhux id-ditta li hija biss isem li tidentifikahom it-tnejn flimkien. Għalhekk, meta fir-rikors tal-appell jingħad illi r-rikors qiegħed isir minn SP BB International JV, li qiegħed jingħad hu illi qiegħed isir miż-żewġ soċjetajiet flimkien, u mhux li qiegħed isir minn entità li ma għandhiex personalità, għax l-isem huwa biss dak li bih tiġi identifikata l-persuna, u fil-każ tallum l-isem qiegħed jidentifika liż-żewġ membri tal-konsorzju. Li fil-fatt il-partijiet f'dawn il-proċeduri huma Bonnici Bros. Projects Limited u Shapoorji Pallonji (Malta) jidher ċar mill-occhio tar-rikors, li juri wkoll ċar li SP BB International JV huwa d-ditta li biha huma magħrufa ż-żewġ soċjetajiet għall-għanijiet ta' dan in-negozju. Ir-rikors tal-appell għalhekk sar sew, u ma hemmx in-nullità li qiegħda tara CMC. F'kull każ, ukoll li kieku l-isem tal-appellant kien muri ħażin, dan kien ikun nuqqas li jista' jissewwa taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux nuqqas li jwassal għal nullità taħt l-art. 789 tal-istess Kodiċi."*

14. Fiż-żewġ kawżi appena ċċitati, u fil-kawża odjerna, komuni bejniethom hemm il-fatt illi l-kawżi ma' ġewx miftuħa direttament minn (fil-kawża odjerna, direttament kontra) konsorzju iżda mill-kumpaniji li jifformaw parti minnu li lkoll jissemmew fl-okkju tal-każ. Fl-aħħar sentenza msemmija l-Qorti tal-Appell tat x'tifhem ukoll illi li kieku fl-okkju tal-kawża deher biss l-isem tal-konsorzju, dan in-nuqqas seta' anke jissewwa taħt l-Art. 175(2) tal-Kap. 12 b'talba għall-korrezzjoni fl-okkju.

15. Fis-sentenza '**Anthony Bezzina għan-nom, fl-interess u in rappreżentanza tal-konsorzju magħruf bħala Bezzina – Hydrobudowa Consortium v. Direttur tal-Kuntratti et.**' (Appell Ċivili Superjuri Numru. 170/2002/1, 26 ta' Ġunju, 2009) il-fatti tal-każ kienu xi ftit differenti fis-sens illi l-okkju kien jirrifletti biss l-isem ta' konsorzju, liema konsorzju effettivament irriżulta ukoll li lanqas biss qatt ġie iffurmat permezz ta' xi ftehim:

*"Il-ftehim tad-19 ta' Ġunju 2001 ma jipprovdix li l-konsorzju ser ikun magħruf bħala "Bezzina-Hydrobudowa Consortium" kif indikat fl-okkju tac-citazzjoni; fil-fatt il-ftehim ma jipprovdix li l-konsorzju ser ikun identifikabbli b'isem uniku għalih. Jiġi osservat ukoll li l-"Consortium Agreement" innifsu, bil-provvedimenti kollha elenkati fih, lanqas qatt ma daħal fis-seħħ għaliex skond l-istess ftehim huwa kellu jidħol fis-seħħ jekk u*

*meta jsir il-kuntratt mal-Malta Maritime Authority, kundizzjoni li baqgħet ma avveratx ruħha. Jirriżulta għalhekk li l-konsorzju msemmi fil-ftehim tad-19 ta' Ġunju 2001 qatt ma laħaq immaterjalizza, u wisq anqas immaterjalizza l-konsorzju bl-isem ta' "Bezzina-Hydrobudowa Consortium", kif indikat fic-citazzjoni u kif indikat ukoll fuq il-letter head ta' ittra li intbagħtet lill-Malta Maritime Authority fit-28 ta' Jannar 2002.*

*Ġialadarba l-"Bezzina-Hydrobudowa Consortium" hija entita` li qatt ma eżistiet, isegwi li ma jistax ikollha personalita` ġuridika u lanqas ma jista' jkollha interess ġuridiku u locus standi biex tistitwixxi azzjoni f'isimha. Fil-fatt jekk kien hemm xi drittijiet li ġew leżi, ma kienux id-drittijiet tal-"Bezzina-Hydrobudowa Consortium", iżda kienu invece ta' Bezzina Maritime Services Ltd u ta' Hydrobudova SA, iż-żewġ kumpaniji li fil-fatt kienu ppreżentaw id-dokumenti tal-prekwalifikazzjoni separatament minn xulxin (għalkemm kull kumpanija kienet specifikat l-intenzjoni tagħha li tagħmel joint venture ma' l-oħra) u għalhekk il-kawża kellha tiġi se mai istitwita minn dawn iż-żewġ kumpaniji u mhux mill-"Bezzina-Hydrobudowa Consortium" għaliex huma dawn iż-żewġ kumpaniji individwali li għandhom l-interess ġuridiku rikjest mil-liġi.*
*Ghaldaqstant, peress li l-azzjoni kif proposta kienet fil-fatt improponibbli, din il-Qorti, filwaqt li qed tiddikjara n-nullita` tac-citazzjoni u tal-proceduri li segwewha, inkluza s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2006, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju"*

16. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1773/17 datata 31 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet: ALC Limited v. Bonnici Bros Contractors Ltd., MDM Costruzioni Generali Srl u BM Tunnel JV</u>**' (Rikors Nru. 339/17VG, 26 ta' Frar 2019), din il-Qorti kienet laqgħet talba għar-revoka ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' BM Tunnel JV li ġiet iddikjarata nulla u bla effett fil-Liġi.
17. Fil-kawża odjerna l-kumpanija rikorrenti ippreżentat ir-rikors promotur kontra konsorzju kif magħmul mill-kumpaniji intimati msemmija fl-okkju. Filwaqt li l-Qorti taqbel ma' dik il-parti tal-eċċezzjoni illi "*BM Tunnel Joint Venture m'għandux personalita ġuridika*" madanakollu ma' taqbilx illi l-kawża ġiet diretta kontra l-istess konsorzju *qua* entita ġuridika u għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda sempliċiment għaliex hija mibnija fuq il-premessa żbaljata li l-konsorzju huwa "*parti fil-kawża*" mentri filfatt il-kawża infetħet kontra żewġ entitajiet legali eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem tal-konsorzju indikat.

**Eċċezzjoni li l-kumpanija estera intimata m'għandha tagħti xejn lir-rikorrenti**

18. L-eċċezzjoni l-oħra mressqa mill-kumpanija estera intimata hija dik illi hija m'għandha tagħti xejn lir-rikorrenti. Mill-provi mressqa, senjatament mill-affidavit maħluf tal-Project Manager tagħha Mario Murano, jirriżulta imbagħad illi filfatt dak li qed tilmenta minnu l-istess soċjetà huwa illi l-prezz mitlub huwa eċċessiv.

19. Kif ġa rajna, l-konsenji tal-kimika mir-rikorrenti lill-konsorzju intimat kienu ta' natura urġenti tant illi ma' nħarġux *purchase orders* u saru fuq talba mill-entita' tal-Gvern li ħarġet it-*tender* in kwistjoni. Ma' hemm l-ebda kontestazzjoni illi filfatt l-konsenji saru. Li m'hemmx qbil fuqu huwa l-prezz, li skond il-kumpanija estera intimata kien wieħed eċċessiv meta tqabblu mal-prezz tal-istess materjal li hija xtrat mingħand terzi.

20. Kif jingħad fl-Art. 1347 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet u, kwantu għal bejjiegħ, il-proprjeta' tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.

21. Il-Qorti tqis li nonostante l-urġenza tal-każ u l-għaġġla li biha l-konsorzju ried il-materjal, kien nuqqas u traskuraġni min-naħa tar-rikorrenti li ma' żammet l-ebda dokumentazzjoni almenu fuq l-oġġett u l-prezz maqbul bejn il-partijiet. Għalkemm il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li ftehim fuq l-oġġett u fuq prezz kien hemm f'dan il-każ, u li l-bejgħ għalhekk ġie perfezzjonat (tant illi m'hemm l-ebda kuntestazzjoni f'dan is-sens), in-nuqqas ta' prova speċifika rigward dan il-ftehim jagħmilha kompitu diffiċli lill-Qorti sabiex tiddetermina jekk verament il-prezz mitlub mir-rikorrenti huwiex wieħed eċċessiv jew le.

22. Il-kumpanija estera intimata tisħaq illi l-prezz mitlub mir-rikorrenti ta' € 0.80 kull kilogramma huwa ħafna iżjed 'l fuq mill-prezz tas-suq tant illi hija xtrat l-istess materjal bir-rata ta' €0.158/kg u r-rikorrenti stess kienet xtrat bir-rata ta' €0.175/kg. Il-Qorti tagħraf li minkejja illi l-kumpanija rikorrenti setgħet imponiet *premium* sostanzjali fuq il-materjal stante illi kellha tirrispondi għal domanda urġenti fi żmien qasir ħafna, id-differenza bejn dawn ir-rati tidher li hija waħda massiva. Madanakollu l-Qorti tqis illi l-provi mressqa mill-istess kumpanija, konsistenti biss f'fatturi, huma wisq xotti u ma' jippruvawx per eżempju li l-materjal mixtri f'din il-kawża huwa eżattament l-istess. Fuq kollox, huwa inverosimili illi ma' kienx hemm qbil mal-konsorzju intimat fuq ir-rata ta' €0.800/kg meta l-kumpanija

lokali intimata, li skond il-ftehim mal-kumpanija intimata l-oħra għandha nofs il-qliegħ u t-telf li jirriżultaw mill-proġett in kwistjoni[14], għażlet illi ma' toġġezzjonax għat-talbiet tar-rikorrenti u lanqas tippreżenta eċċezzjoni għalihom. Fuq bilanċ ta' probabilitajiet il-Qorti għalhekk issib illi l-prezz mitlub mill-kumpanija rikorrenti ma' kienx wieħed li ma' kienx miftiehem bejn il-partijiet. Din l-eċċezzjoni għaldaqstant qed tiġi ukoll miċħuda.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija estera intimata u tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti kif ġej:**

    1. **Tiddikjara li l-kumpaniji intimati formanti parti mill-konsorzju BM Tunnels JV huma debituri solidali tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tmien t'elef, mija seba' u tmenin euro u erba' u erbgħin ċenteżmu (€8,187.44) rappreżentanti ammont ċert, likwidu u dovut bħala bilanċ ta' prezz għal diversi konsenji ta' materjal debitament mibjugħ u kkonsenjat lill-konsorzju imsemmi;**

    2. **Tikkundanna lill-istess kumpaniji intimati solidalment bejniethom jħallsu s-somma msemmija lill-kumpanija rikorrenti kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-dati tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament.**

    **Bl-ispejjeż kontra l-istess kumpaniji intimati inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fit-30 ta' Marzu 2017.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

---

[14] Fol 73A